12 ta' Novembru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Nobbli Kontessa Maria Teresa Apap Bologna Caruana Gatto**
***versus***
**Maria Sant**

## Użufrutt — Amministrazzjoni — Art. 392, 390(c), u 416(2)(3) tal-Kodiċi Ċivili

*Meta l-użufruttwarju ma jagħtix il-kawzjoni "de bene utendo", il-beni suġġetti għall-użufrutt, jekk ma jkunx hemm eżenzjoni mill-kawzjoni fl-att kostituttiv tal-użufrutt, jistgħu jiġu amministrati minn ħadd ieħor.*

*Il-kwistjoni jekk il-proprjetarju jistax jitlob, meta l-użufruttwarju ma jkunx jista' jippresta l-kawzjoni, li huwa jkun preferit bħala amministratur għal ħadd ieħor, hija kwistjoni ta' fatt anzikke' ta' dritt; u fil-liġi ma hemm xejn li jipprojbixxi lill-proprjetarju li jkun huwa l-amministratur, kif lanqas ma hu miktub li neċessarjament l-amministratur ikun terza persuna.*

*Ilu minnu li r-rapporti ta' interess bejn il-proprjetarju u l-użufruttwarju hufha trabi jissuggerixxu n-nomina ta' terza persuna; pero', fejn ma jeżistix dak il-konflitt bejniethom, huwa raġjonevoli li jkun preferit bħala amministratur il-proprjetarju għall-barrani.*

*Motivi plawsibbli sabiex il-Qorti taghżel terza persuna f'lok l-istess proprjetarju huma l-karattru ħaj u dominanti ta' xi waħda mill-partijiet, il-parsimonja eżagerata, it-tendenza għall-litigar frekwenti fuq l-aktar ħaġa żgħira, id-differenza ta' grad soċjali bejn il-proprjetarju u l-użufruttwarju, bil-konsegwenti differenzi ta' veduti u ta' edukazzjoni mentali, u dak kollu li jista' jsib radiċi fil-kapriċċi u smoderatezza tal-passjonijiet umani, u mhux fir-raġuni, u li inevitabbilment iġib dissensi bejn l-interessati.*

*Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, fil-każ preżenti, il-Qorti żammet u qatgħet li fil-konflitt bejn il-proprjetarja, li riedet tiġi nominata amministratriċi ta' legat imħolli in użufrutt, u l-legatarja li riedet li tkun nominata terza persuna, kien suġġeribbli, taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ, li tiġi nominata persuna barranija.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi b'digriet tal-14 ta' Mejju, 1955 (dok. A), mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina fuq rikors preżentat mill-konvenuta, l-istess konvenuta ġiet immessa fil-pussess tal-fond 214 St. Paul's Street, Valletta, u bħala amministratur ta' l-istess fond ġie maħtur l-Avukat Dr. Victor Frendo; ta' liema fond il-konvenuta hija użufruttwarja u l-attriċi hija nuda proprjetarja; u billi waqt it-trattazzjoni tar-rikors fuq imsemmi l-attriċi kienet talbet li tamministra l-fond in kwistjoni bħala nuda proprjetarja tiegħu, bil-garanzija tal-ġid kollu tagħha preżenti u futuri (dok. B); u billi, kif jirriżulta mill-istess digriet, l-attriċi ġiet mingħajr l-ebda raġuni eskluża milli tamministra l-istess fond, għalkemm għandha proprjetà biżżejjed biex tiggarantixxi l-amministrazzjoni tajba tal-fond in kwistjoni; talbet li jiġi minn dina l-Onorabbli Qorti revokat id-digriet fuq imsemmi, fis-sens li l-konvenuta tiġi immessa fil-pussess tal-fond fuq imsemmi, li però għandu jiġi amministrat mill-attriċi bħala nuda proprjetarja ta' l-istess fond, u bil-garanzija tal-ġid tagħha kollu preżenti u futuri,

u in sostituzzjoni għall-imsemmi Avukat Dottor Victor Frendo. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni kollha tivverti fuq jekk id-digriet fuq imsemmi għandux jiġi mantnut jew revokat;

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti li l-Wisq Nobbli Maria armla mil-Kavallier Nicodemo Gandolfo nee *Caruana Gatto, Kontessa ta' Beberruwa, ħalliet lill* konvenuta, li kienet fis-servizz tal-familja Caruana Gatto, fit-testment tagħha, kif kellha d-dritt u setgħet tagħmel il-legat ta' użufrutt tul il-ħajja tagħha tal-mezzanin in kwistjoni, mentri lill-attriċi, neputija tagħha, ħallietilha l-legat universali ta' ħwejjiġha kollha li ma kienetx iddisponiet minnhom; *kif ukoll huwa fatt li sal-lum l-attriċi għad ma* ġietx immessa fl-istess legat universali lilha mħolli;

Illi, apparti l-fatt li l-attriċi ma ġietx immessa fil-legat universali tal-ħwejjeġ kollha tad-decujus — fatt li ma jippreklud[i]jhiex milli tipproteġi u tħares id-drittijiet tagħha bħala legatarja universali — jingħad li, milli jidher, il-kwistjoni odjerna *qamet l-għaliex il-konvenut riedet tidħol* fil-pussess jew dgawdija tal-legat lilha mħolli, imma l-attriċi kienet qegħedha tinsisti, bħala l-kjamata għall-legat universali tad-decujus, li qabel l-immissjoni fil-godiment il-konvenuta ġġib il-kawzjoni maħluqa mill-liġi "de bene utendo", sabiex tiggarantixxi d-drittijiet tal-proprjetarja tal-fond legat — *dak li l-konvenuta ma kienetx fil-pożizzjoni li* tagħmel, kif kienet pronta tikkonferma bil-ġurament; u in konsegwenza Maria Sant talbet li tiġi eżentata mill-produzzjoni ta' l-istess kawzjoni; u fl-interess ta' l-interessati, flok dik il-kawzjoni, talbet li tiġi maħtura persuna kompetenti sabiex tamministra l-fond in kwistjoni; għal liema talba l-*attriċi nsistiet li kellha d-dritt għall-kawżjoni, u fin-nuqqas* ta' possibbilità tal-produzzjoni ta' dik il-kawtela offriet ruħha pronta biex tamministra personalment il-fond "de quo", li kellu jibqa' suġġett għall-użufrutt tal-konvenuta; liema offerta però ma ġietx intrattenuta favorevolment mill-Qorti, li ħatret bħala amministratur, prevja l-eżenzjoni tal-

produzzjoni tal-kawtela mill-parti tal-legatarja ta' l-użufrutt, lill-Avukat Dr. Victor Frendo;

Ikkunsidrat;

Illi minn dan li ntqal, kwindi, u mill-att taċ-ċitazzjoni, jidher li l-ilment ta' l-attriċi huwa bażat fuq il-fatt li l-Qorti fuq imsemmija, fin-nomina ta' l-amministratur tal-fond "de quo", ipposponiet lilha, li għandha biżżejjed x'jagħmel tajjeb għall-amministrazzjoni, għal persuna oħra estranea;

Illi qabel xejn jingħad li huwa konformi għall-liġi li, meta l-użufruttwarju ma jagħtix il-kawzjoni "de bene utendo", il-beni suġġetti għall-użufrutt — jekk ma jkunx hemm eżenzjoni fl-att — jistgħu jiġu amministrati minn ħaddieħor (ara art. 392, 390(c) u 416(2)(3) tal-Kodiċi Ċivili; u dana ġie konfermat mill-ġurisprudenza, meta ġie ritenut li t-testatur jista' jiddisponi mill-użufrutt ta' xi ħwejjeġ partikulari tiegħu, jew anki mill-universalità ta' ħwejġu kollha, a favur ta' persuna taħt il-kondizzjoni li dawk il-beni jew l-universalità tagħhom ikunu amministrati minn terza persuna (ara Prim'Awla Ċivili 30 ta' April, 1887, "Manduca vs. Attard Montalto", Vol. XI, p. 315, kolonna 1ma. in medio et fine, u kolonna 2da. in primis). Anzi mill-art. 395 ta' l-istess Kodiċi jidher li l-Qorti tista' tordna illi lill-użufruttwarju, li bil-ġurament jiddikjara li ma kienx possibbli għalieħ li jsib kawzjoni, jiġu kunsinnati bla ebda kawzjoni fond urban u l-mobbli neċessarji għall-abitazzjoni u għall-użu personali tiegħu u tal-familja, bl-obligu li jreġġagħhom lura meta jiċċessa l-użufrutt;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni jekk il-proprjetarju jistax jitlob, meta l-użufruttwarju ma jkunx jista' jippresta kawzjoni — li jkun huwa preferit bħala amministratur għal ħaddieħor, hija kwistjoni di fatto, anzikkè ta' dritt. Infatti, mentri l-art. 392 u 390(c) tal-Kodiċi Ċivili jnisslu l-ħsieb li l-amministratur għandu jkun terza persuna, li mhix la l-użufruttwarju u lanqas il-proprjetarju, l-art. 416(2) jammetti, taħt il-każ hemm kontemplat u għall-finijiet hemm espressi, ir-restituzzjoni tal-beni lill-proprjetarju, li bħala amministratur (anki meta tkun saret f'dan il-każ il-kawzjoni), ikollu l-piż, però, konsegwenti, li ħallas annwalment lill-użufrut-

twarju jew aventi kawża minnu, somma determinata waqt u fil-kors li jkun miexi l-użufrutt. Del resto, ma hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi lill-proprjetarju li jkun l-amministratur, kif lanqas huwa miktub li neċessarjament l-amministratur irid ikun terza persuna; l-għaliex kieku kienet tiġi anki eskluża dik il-miżura fl-ipotesi ta' l-art. 416(2) tal-Kodiċi Ċivili. Huwa minnu li r-rapporti ta' interessi bejn il-proprjetarju u l-użufruttwarju ħafna drabi jissuġġerixxu n-nomina ta' terza persuna, l-għaliex dawk l-istess rapporti jkunu talment intreċċjati u mħabblin ma' xulxin, minħabba l-ħaġa waħdanija suġġetta għall-użufrutt, tant jekk ikun hemm fond wieħed kemm jekk il-ħaġa tkun "universitas juris", kif jista' jidher mill-istess dispożizzjonijiet tal-liġi apposti mil-leġislatur sabiex jirregolahom, billi huwa konnaturali għal dak li ordinarjament jiġri l-ħsieb li frekwentement huwa diffiċli li ma jkunx hemm konflitt ta' interessi bejniethom; u dan b'mod speċjali fid-dawl tan-natura u karattru partikulari taż-żewġ persuni uniti f'rapport ġuridiku, sew jekk kreat mill-liġi sew jekk kreat mill-volontà tal-bniedem. Fejn, però, dak il-biża ta' konflitt ma jeżistix, huwa raġjonevoli li jkun preferut il-proprjetarju għal ħaddieħor, la darba l-liġi ma tipprekludix neċessarjament dina l-miżura fir-rispett tal-proprjetarju;

**Ikkunsidrat;**

Illi huma motivi plawsibbli, sabiex il-Qorti tagħżel terza persuna flok l-istess proprjetarju, il-karattru ħaj u dominanti ta' xi waħda *mill-partijiet, il-parsimonja eżaġerata*, it-tendenza għall-litigar frekwenti fuq l-aktar ħaġa żgħira, id-differenza ta' grad soċjali bejn il-proprjetarju u l-użufruttwarju bil-konsegwenti differenzi ta' veduti u ta' edukazzjoni mentali, u dak kollu li jista' jsib radiċi fil-kapriċċi u smoderatezza tal-passjonijiet umani, u mhux fir-raġuni, u li inevitabbilment iġġib dissensi bejn l-interessati;

**Ikkunsidrat;**

Illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ in kwistjoni dina l-Qorti ħasbet u rat li l-attriċi ma għandhiex tiġi ammessa fit-talba tagħha, u li d-digriet in kwistjoni għandu jiġi mantnut; prinċipalment, fost ħafna oħra li ma hemmx bżonn li jis-

semmew, imma li jittrasparixxu mid-depożizzjonijiet mis-mugħa, għal dawn ir-raġunijiet; u ċjoè: —

1. Li l-grad socjali u ta' edukazzjoni tal-kontendenti, u l-konsegwenti disparità ta' veduti li jitnisslu minnhom neċessarjament, sejrin, jekk tiġi akkolta t-teżi attriċi, iġibu dissapuri bejniethom fuq il-kwistjonijiet li jinsorġu dwar ir-reġġenza amministrattiva tal-fond "de quo";

2. Li jekk jiġu b'xi mod leżi d-drittijiet tal-konvenuta in relazzjoni għad-dritt tagħha, hija, bħala mara fqira relattivament, ikollha anqas okkażjoni tiddiskuti fuq parità u livell wieħed ma' l-attriċi u tipperswadiha, u tabilfors ikollha taffèrma d-dritt tagħha ġudizzjarjament; u barra milli tiġi mħabbta, tkun disturbata fis-sens ta' trankwillità, sikurezza u paċi li kull bniedem għandu dritt ikollu; "multo magis" meta bniedem jikkunsidra li hija mara, għalkemm mhux kbira fl-età, però misjura għall-età tagħha;

3. Li l-attriċi, kieku kellha tiġi maħtura amministratriċi, ikollha d-dritt tindaħal fl-amministrazzjoni u treġija tal-post; u jekk ikollha xi tgħid ma' l-inkwilin, jekk il-post jiġi lokat, issofri l-konvenuta; u jekk il-post ikun okkupat mill-konvenuta, din it-treġija tista' tkun gravuża;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha.